TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 46/18/F

**Mark u Charis Muscat**

**vs**

**APC Travel Bureau Limited**

Illum 31 t'Awwissu, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Marzu, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf u għaxar ewro, u tnejn u erbgħin ċentezmi (€1,010.42), rappreżentanti vaganza lejn UK.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ibbukjaw vaganza mad-ditta ntimata, u li kien hemm żball fil-booking, fis-sens illi siefru s-Sibt minflok il-Ġimgħa, u l-ajruport kien 'il bogħod ħafna u kellhom tarbija ta' disa' xhur u ma setgħux jikkanċellaw il-booking tal-karozza, u b'hekk ħallsu għal ġurnata żejda li kienet il-Ġimgħa. Pero' peressli ma marrux għall-karozza l-Ġimgħa ħallsu d-doppju għat-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ħamis, u kellhom jerġgħu jagħmlu booking ieħor ma' ditta differenti.

Fil-fatt, ukoll kien hemm problema bil-hotel u peress li l-aġenzija ma ħallsitx għall-hotel, kellhom jerġgħu jħallsu, u b'hekk ħallsu doppju għall-hotel.

Qed jitolbu wkoll danni morali għax fl-aħħar jumejn spiċċaw bla flus u kellhom jieklu ħobż.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta ntimata debitament notifikata u msejjħa tliet darbiet, ma dehritx għas-seduta u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u kif ukoll ma ssottomettietx risposta bil-miktub għal din it-Talba.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti, jinnota li din il-vaganza kienet vaganza problematika billi kellhom jerġgħu jibbukjaw il-karozza, kif ukoll jidher li kellhom jerġgħu jibbukjaw il-hotel.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mija u sbatax-il ewro (€317) għall-kiri tal-karozza, kif ukoll tliet mija u għaxar ewro (€310) għall-hotel, ammontanti għal sitt mija, u sebgħa u għoxrin ewro (€627), u kif ukoll mitt ewro (€100) bħala danni morali, ammontanti s-somma totali ta' seba' mija, u sebgħa u għoxrin ewro (€727), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**